Nru. 17,584
Prezz Lm1.76ċ
Price Lm1.76c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 14 ta' Mejju, 2004
Friday, 14th May, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 495

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. III ta' l-2004 imsejjaħ l-Att ta' l-2004 biex Jemenda Diversi Liġijiet.

L-14 ta' Mejju, 2004

Nru. 496

IL-PRIM MINISTRU U L-MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi nhar it-Tlieta, il-11 ta' Mejju, 2004 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 488 ta' l-10 ta' Mejju, 2004 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Il-11 ta' Mejju, 2004
(OPM 12/2004)

GOVERNMENT NOTICES

No. 495

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. III of 2004 entitled the Amendment of Various Laws Act, 2004.

14th May, 2004

No. 496

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister and Minister of Finance on Tuesday, 11th May, 2004 and that the arrangements made by Government Notice No. 488 of 10th May, 2004, ceased to have effect accordingly.

11th May, 2004

Nru. 497

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 91 (1) u bl-artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra ta' Dott. Anthony Barbara, Assistent Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mit-3 sas-6 ta' Mejju 2004, u l-ħatra ta' Dott. Peter Grech, Assistent Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mill-10 sal-15 ta' Mejju, 2004, id-dati kollha inklużi.

L-14 ta' Mejju, 2004

No. 497

APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL

IN exercise of the powers conferred by Section 91 (1) and by section 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment of Dr Anthony Barbara, Assistant Attorney General, to act as Attorney General from 3rd to 6th May 2004, and the appointment of Dr Peter Grech, Assistant Attorney General to act as Attorney General from 10th to 15th May 2004 all the indicated days inclusive.

14th May, 2004

Nru. 498

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI ŻGĦAŻAGĦ U IMPJIEGI

Ħatra ta' Direttur (Studji Ogħla u Edukazzjoni għall-Adulti) fit-Taqsima ta' l-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Anthony DeGiovanni, B.A. (Lond.), P.G. Dip. Educ. Plan. & Mgmt., bħala Direttur (Studji Ogħla u Edukazzjoni għall-Adulti) fit-Taqsima ta' l-Edukazzjoni fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi b'seħħ mill-5 ta' April 2004.

L-14 ta' Mejju, 2004

No. 498

MINISTRY OF EDUCATION YOUTH AND EMPLOYMENT

Appointment of Director (Further Studies and Adult Education) in the Education Division

IN exercise of the powers vested in him by section 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Mr Anthony DeGiovanni, B.A. (Lond.), P.G. Dip. Educ. Plan. & Mgmt., as Director (Further Studies and Adult Education) in the Education Division within the Ministry of Education, Youth and Employment with effect from 5th April 2004.

14th May, 2004

Nru. 499

ĦATRA TA' MEDJATURI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 89 tal-Kodiċi Dwar l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u bl-Att Legali 397 ta' l-2003, Artikolu 3 (1) (b), il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern ħatar lill-imsemmija kif jidhru hawn taħt bħala Medjaturi, b'seħħ mit-3 ta' Mejju, 2004:

Ms Erika Cutugno, il-Mellieħa
Ms Carmen Delicata, Ħ'Attard
Ms Ruth Formosa Ventura, l-Imrieħel
Mr Julian Sant Fournier, San Ġiljan

L-14 ta' Mejju, 2004

No. 499

APPOINTMENT OF MEDIATORS

IN exercise of the powers vested in him by Article 89 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12), and Legal Notice 397 of 2003, Article 3 (1) (b), the Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs has appointed the under-mentioned as Mediators with effect from 3 May 2004:

Ms Erika Cutugno, Mellieħa
Ms Carmen Delicata, Attard
Ms Ruth Formosa Ventura, Mrieħel
Mr Julian Sant Fournier, St. Julians

14th May, 2004

Nru. 500

ĦATRA TA' MEDJATURI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 89 tal-Kodiċi Dwar l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u bl-Att Legali 397 ta' l-2003, Regolament 3 (1) (a) (i), il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern ħatar lill-imsemmija kif tidher hawn taħt bħala Medjatur, b'seħħ mill-24 ta' Diċembru, 2003:

Dott. Tatiane Cassar, Victoria, Gozo

L-14 ta' Mejju, 2004

No. 500

APPOINTMENT OF MEDIATORS

IN exercise of the powers vested in him by Article 89 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12), and Legal Notice 397 of 2003, Regulation 3 (1) (a) (i), the Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs has appointed the under-mentioned as Mediator with effect from 24th December, 2003:

Dr Tatiane Cassar, Victoria, Gozo

14th May, 2004

Nru. 501

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Anthony Fava	Direttur *Director*	Teżor *Treasury*	7 - 12.05.2004

L-14 ta' Mejju, 2004

No. 501

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (TREASURY)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Finance has approved the following acting appointment:–

14th May, 2004

Nru. 502

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TA' L-IMPJIEG

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Anthony Azzopardi	Direttur *Director*	Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjieg *Industrial and Employment Relations*	14-18.5.2004

L-14 ta' Mejju, 2004

No. 502

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR INDUSTRIAL AND EMPLOYMENT RELATIONS

THE Permanent Secretary in the Ministry of Education, Youth and Employment has approved the following acting appointment:–

14th May, 2004

Nru. 503

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI
(KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Pamela Mifsud Bonnici, LL.D., bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Pierre Attard, LL.D., sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mis-6 ta' Mejju, 2004 sat-13 ta' Mejju, 2004.

Lorianne Camilleri
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

Il-11 ta' Mejju, 2004

No. 503

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT
(CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Pamela Mifsud Bonnici, LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Pierre Attard, LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 6th May, 2004 till the 13th May, 2004.

Lorianne Camilleri
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

11th May, 2004

Nru. 504

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAPITOLU 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
07. 05. 04	Lm4.47c3	7c9
10. 05. 04	Lm4.42c3	7c6
11. 05. 04	Lm4.53c2	8c0
12. 05. 04	Lm4.41c5	7c6
13. 05 04	Lm4.40c4	7c6

L-14 ta' Mejju, 2004

No. 504

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CHAPTER 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

14th May, 2004

Nru. 505

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Linji Gwida dwar l-Ordni ta' l-2004 dwar l-Implimentazzjoni tal-Klawsola ta' Salvagwardja

SKOND Avviż Legali 234 ta' l-2004, il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent qed jagħti dawn l-istruzzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tas-sistema ta' sorveljanza tas-suq skond it-termini ta' Artikolu 3 ta' l-istess Ordni:

1. L-operaturi tal-kummerċ għandhom jippreżentaw dawn id-dokumenti fi żmien erba' u għoxrin siegħa mill-wasla tal-prodotti mniżżla fl-anness ta' l-Ordni:

(iii) Il-formola ta' l-Intrastat;
(iv) Il-fatturaċi originali

Il-formola ta' l-Intrastat u l-fatturaċi oriġinali jiġu rritornati lill-operatur tal-kummerċ wara li jittieħdu fotokopji ta' dawn.

Dan jgħodd ukoll għal prodotti li waslu bejn l-1 ta' Mejju 2004 u d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż.

2. Il-Ministeru jfakkar li skond termini ta' Artikolu 9 ta' l-Avviż Legali kull min jonqos milli jforni l-informazzjoni mitluba mil-liġi, jew jippreżenta b'mod żbaljat jew mhux sħiħ l-informazzjoni meħtieġa jkun soġġett għall-penali segwenti:

(a) Għall-ewwel ksur, mhux anqas minn elf lira Maltin (Lm1,000) u mhux aktar minn ħamest elef lira Maltija (Lm5,000) kif ukoll penali ta' mhux anqas minn ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm25) u mhux aktar minn ħamsin lira Maltin (Lm50) għal kull ġurnata li l-ksur jibqa' jseħħ.

(b) F'każi oħra ta' ksur il-penali tkun ta' mhux anqas minn ħamest elef lira Maltija (Lm5,000) u mhux aktar minn għaxart elef lira Maltija (Lm10,000) kif ukoll penali ta' mhux anqas minn ħamsin lira Maltija (Lm50) u mhux aktar minn mitt lira Maltija (Lm100) għal kull ġurnata li l-ksur jibqa' jseħħ.

L-14 ta' Mejju, 2004

No. 505

MINISTRY OF RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Guidelines on the Implementation of the Safeguard Clause Order, 2004

IN terms of Legal Notice 234 of 2004, the Ministry of Rural Affairs and the Environment is giving the following instructions on the practical implementation of the market surveillance system envisaged in Article 3 of the Order:

1. Traders are required to present to the Ministry the following documents within twenty four hours from the delivery in Malta of the goods listed in the Annex to the Order:

(i) The Intrastat form;
(ii) Original invoice(s).

The Intrastat Form and the original invoice(s) will be returned to the trader after these are photocopied.

This requirement also applies for deliveries between 1st May 2004 and the date of publication of this notice.

2. The Ministry draws the attention of traders that whosoever fails to submit or submits incorrectly or incompletely submits any data or information as may be required in terms with the Order shall be liable to the following penalties:

(a) for a first offence, not less than one thousand liri (Lm1,000) and not more than five thousand liri (Lm5,000) as well as a penalty of not less than twenty five liri (Lm25) and not more than fifty liri (Lm50) a day for each subsequent day that the offence continues.

(b) For subsequent offences, traders shall be liable to a penalty of not less than five thousand liri (Lm5,000) and not more than ten thousand liri (Lm10,000) as well as a penalty of not less than fifty liri (Lm50) and not more than one hundred liri (Lm100) a day for each subsequent day that the offence continues.

14th May, 2004

Nru. 506

ATT DWAR L-GĦAJNUNA FINANZJARJA LILL-INDUSTRIJI TAL-BIEDJA U TAS-SAJD (KAP. 146)

Applikazzjonijiet għall-Għajnuna f'Żona fit-Termini tar-Regolamenti dwar l-Aġenzija ta' Pagamenti, 2004

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjonijiet tal-Gvern Nri. 330 u 388 li ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern tas-26 ta' Marzu 2004 u tat-13 ta' April 2004 rispettivament, ngħarrfu li d-dati ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna f'żona fit-termini għas-sena 2004 qegħdin jiġu emendati skond l-Iskemi ta' Għajnuna, kif ġej:

No. 506

AGRICULTURE AND FISHERIES INDUSTRIES (FINANCIAL ASSISTANCE) ACT (CAP. 146)

Area aid applications in terms of the Paying Agency Regulations, 2004

WITH reference to Government Notices Nos. 330 and 338 published in the Government Gazette of the 26th March, 2004 and 13th April, 2004 respectively, it is hereby notified that the closing dates for the receipt of area aid applications for the year 2004 are amended as follows, according to each different aid scheme:

	Skema ta' Għajnuna ***Aid Scheme***	**Dati ta' għeluq għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna** ***Closing date for aid applications***
1. *1.*	Għajnuna fuq qmuħ ċereali u magħlef ieħor *Arable Aid*	17 ta' Mejju *17th May*
2. *2.*	Ċitru u ħxejjex għall-produzzjoni *Citrus and Vegetables for Production*	30 ta' Ġunju *30th June*
3. *3.*	Frott u Tadam għall-ipproċessar *Fruits and Tomato crops for processing*	30 ta' Ġunju *30th June*
4. *4.*	Patata *Potatoes*	17 ta' Mejju *17th May*
5. *5.*	Żebbuġ *Olive trees*	10 ta' Novembru *10th November*
6. *6.*	Taħwil tad-dwieli *Vine Planting*	10 ta' Novembru *10th November*
7. *7.*	Ristrutturar tad-dwieli *Restructuring for Vines*	10 ta' Novembru *10th November*
8. *8.*	Għajnuna addizzjonali fuq id-dwieli *Additional Aid for Vines*	10 ta' Novembru *10th November*
9. *9.*	Ħitan tas-sejjieħ *Rubble Walls*	30 ta' Ġunju *30th June*
10. *10*	Speċi awtoktoni *Autochthonous*	30 ta' Ġunju *30th June*
11. *11.*	Biedja organika *Organic*	10 ta' Novembru *10th November*
12. 12.	Żoni żvantaġġati *Less Favoured Area*	30 ta' Ġunju 30th June
13. *13.*	Miżura ad hoc *Ad Hoc measure*	30 ta' Ġunju *30th June*

Applikazzjonijiet għall-għajnuna se jibqgħu jintlaqgħu fl-erba' ċentri li diġà qed jilqgħu l-applikazzjonijiet għall-għajnuna:–

1. Ċentru ta' l-Għammieri, il-Marsa
2. Uffiċċju ta' l-*Extension Service* tal-Mosta
3. Uffiċċju ta' l-*Extension Service* ta' Ħaż-Żabbar
4. Uffiċċju ta' l-Agrikoltura (IACS), ir-Rabat, Għawdex

Il-ħruġ ta' l-irċevuti għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna se jsir skond din il-proċedura:

1. Il-Formoli ta' Dikjarazzjoni li ġew iffirmati u stampati bejn il-25 ta' Marzu 2004 u s-17 ta' Mejju 2004, li għalihom ingħatat l-informazzjoni sħiħa skond ir-Regolament (KE) Nru. 2419/2001, emendata bir-Regolament (KE) Nru 118/2004, li għalihom ġie mitlub xi tibdil, u li għalihom għadha ma nħarġitx irċevuta, se jitqisu bħala applikazzjonijiet li huma eliġibbli għall-għajnuna u għaldaqstant se tiġi stampata l-irċevuta u mibgħuta bil-posta fl-indirizz ta' l-applikant kif muri fid-Dikjarazzjoni. Id-data ta' l-applikazzjoni se tkun l-istess bħal dik li tidher fil-Formola ta' l-Irċevuta.

2. Mill-1 ta' Mejju, 2004 'il quddiem, kull bidwi li japplika għall-għajnuna tinħariġlu irċevuta minnufih sakemm ma jitlobx li jivverifika d-dikjarazzjoni tiegħu qabel ma tinħareġ l-irċevuta.

Id-disposizzjonijiet kollha moghtija qabel se jibqgħu fis-seħħ.

L-14 ta' Mejju, 2004

Aid applications will continue to be received at the four centres already receiving aid applications:–

1. Government Farm, Għammieri
2. Mosta Extension Service Office
3. Żabbar Extension Service Office
4. IACS Office, Gozo

As regards the issue of receipts for the aid applications, the following procedure shall apply:

1. All signed Declaration Forms issued between the 25th March, 2004, and the 17th May, 2004, for which all data has been provided in compliance with Commission Regulation (EC) No 2419/2001, amended by Commission Regulation (EC) No. 118/2004, for which modifications were requested, and for which a receipt has not yet been issued, will be considered as applications that are eligible for aid with the receipt being issued and submitted by mail to the applicant's residence as indicated in the Declaration Form. The date of receipt of application will be the same as that printed in the Receipt Form.

2. As of 1st May, 2004, any farmer applying for aid will have the receipt issued immediately provided that he/she does not ask to verify his declaration before the receipt is issued.

All other previously indicated provisions shall remain in force.

14th May, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 35

Bis-saħħa ta' l-artikolu 93 (1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati. Vetturi jistgħu jiġu rmunkati.

Ħal Għaxaq

Nhar l-Erbgħa, is-26 ta' Mejju 2004 mid-9.00 p.m. 'il quddiem minn Triq Santa Marija kantuniera ma' Triq San Filippu.

Nhar il-Ħamis, is-27 ta' Mejju 2004 mit-8.30 a.m. 'il quddiem minn Triq Santa Marija.

Nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Mejju 2004 mit-8.30 a.m. 'il quddiem minn Triq Santa Marija.

POLICE NOTICE

No. 35

In virtue of section 93 (1) of the Code of Police Laws (Cap. 10) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated. Vehicles are subject to towing.

Għaxaq

On Wednesday, 26th May 2004 from 9.00 p.m. onwards through Triq Santa Marija corner with Triq San Filippu.

On Thursday, 27th May 2004 from 8.30 a.m. onwards through Triq Santa Marija.

On Friday, 28th May 2004 from 8.30 a.m. onwards through Triq Santa Marija.

Nhar il-Ħamis, it-3 ta' Ġunju 2004 mit-8.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Loretu, it-Telleritu, it-Tumbarellu, Għaxaq By Pass, Manwel Dimech, Santa Marija u Pjazza Santa Marija.

Nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Ġunju 2004 mit-toroq li ġejjin: il-Gudja (il-parti madwar Misraħ San Rokku), il-Gardell, iċ-Ċeppun u San Filippu.

Nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Ġunju 2004 mit-8.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza Santa Marija, Santa Marija, San Filippu, Marjanu Gerada, San Pawl, il-Knisja, Vjal il-Labour, *By Pass* ta' Ħal Għaxaq u Santa Tereża.

Nhar is-Sibt, il-5 ta' Ġunju 2004 mit-toroq li ġejjin: il-Gudja (il-parti madwar Misraħ San Rokku), il-Gardell, iċ-Ċeppun u San Filippu.

Nhar is-Sibt, il-5 ta' Ġunju 2004 mis-7.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Santa Marija, Vjal il-Labour u Pjazza Santa Marija.

Nhar il-Ħadd, is-6 ta' Ġunju 2004 mill-10.30 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza Santa Marija, Santa Marija, San Filippu, il-Ġojjin, il-Ġennewija, Dun Mattew Scriha, Marjanu Gerada, San Pawl, il-Knisja, Vjal il-Labour, il-Miksur, Dun Ġużepp Barbara, il-Qattus, il-Ħannieqa, ir-Rebbiegħa, il-Ħareb, id-Dejl, Napuljun Caruana Dingli, *By Pass* ta' Ħal Għaxaq u l-Bizzilla.

Nhar il-Ħadd, is-6 ta' Ġunju 2004 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Gudja, Misraħ Santu Rokku, San Filippu, Santa Marija, San Ġorġ, Pjazza Santa Marija, il-Knisja, San Pawl, Marjanu Gerada u Misraħ San Ġorġ.

L-14 ta' Mejju, 2004

On Thursday, 3rd June 2004 from 8.30 p.m. onwards through the following streets: Loretu, it-Telleritu, it-Tumbarellu, Għaxaq By Pass, Manwel Dimech, Santa Marija and Pjazza Santa Marija.

On Friday, 4th June 2004 through the following streets: il-Gudja (part surrounding Misraħ San Rokku), il-Gardell, iċ-Ċeppun and San Filippu.

On Friday, 4th June 2004 from 8.30 p.m. onwards through the following streets: Pjazza Santa Marija, Santa Marija, San Filippu, Marjanu Gerada, San Pawl, il-Knisja, Vjal il-Labour, Għaxaq By Pass and Santa Tereża.

On Saturday, 5th June 2004 through the following streets: il-Gudja (part surrounding Misraħ San Rokku), il-Gardell, iċ-Ċeppun and San Filippu.

On Saturday, 5th June 2004, from 7.30 p.m. onwards through the following streets: Santa Marija, Vjal il-Labour and Pjazza Santa Marija.

On Sunday, 6th June 2004, from 10.30 a.m. onwards through the following streets: Pjazza Santa Marija, Santa Marija, San Filippu, il-Ġojjin, il-Ġennewija, Dun Mattew Scriha, Marjanu Gerada, San Pawl, il-Knisja, Vjal il-Labour, il-Miksur, Dun Ġużepp Barbara, il-Qattus, il-Ħannieqa, ir-Rebbiegħa, il-Ħareb, id-Dejl, Napuljun Caruana Dingli, Għaxaq By Pass and il-Bizzilla.

On Sunday, 6th June 2004, from 6.00 p.m. onwards through the following streets: il-Gudja, Misraħ Santu Rokku, San Filippu, Santa Marija, San Ġorġ, Pjazza Santa Marija, il-Knisja, San Pawl, Marjanu Gerada and Misraħ San Ġorġ.

14th May, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Għalliema fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

Din is-sejħa tissostitwixxi dik ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,582 tal-11 ta' Mejju, 2004 f'paġna 3327.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Għalliema fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

2. Jeżistu vakanzi għal Għalliema biex jgħallmu:

(i) fis-Settur ta' l-Iskejjel Primarji; u

(ii) fis-suġġetti li ġejjin fis-settur ta' Skejjel

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Teacher in the Education Division

This call replaces the one published in Government Gazette No. 17,582 of the 11th May, 2004 on page 3327.

The Public Service Commission invites applications for the posts of Teacher in the Education Division.

2. Vacancies exist for Teachers to teach:

(i) in the Primary Schools Sector; and

(ii) the following subjects in the Secondary/Post

Sekondarji/Post Sedondarji:

Arti
Bijoloġija
Business Studies
Kimika
Computers Studies
Ingliż
Studji Ewropej
Franċiż
Ġografija
Ġermaniż
Graphical Communication
Storja
Home Economics
Information Technology
Xjenza Integrata
Taljan
Malti
Matematika
Mużika
Personal and Social Development
Edukazzjoni Fiżika
Fiżika
Reliġjon
Studji Soċjali
Soċjoloġija
Spanjol
Technology Education

3. L-iskala tal-bidu tas-salarju għal dan il-post hija Skala 9 (Lm5,750 x 192 to Lm6,902). Wara tmien snin servizz għalliem jitla' għal Skala 8 u mbagħad għal Skala 7 wara tmien snin oħra fil-grad, li fihom wieħed ikun wettaq dmirijietu b'mod sodisfaċenti.

3.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time*, u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni b'mod partikulari. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4. L-applikanti għandhom:–

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma

Secondary Schools Sector:

Art
Biology
Business Studies
Chemistry
Computer Studies
English
European Studies
French
Geography
German
Graphical Communication
History
Home Economics
Information Technology
Integrated Science
Italian
Maltese
Mathematics
Music
Personal and Social Development
Physical Education
Physics
Religion
Social Studies
Sociology
Spanish
Technology Education

3. The initial salary scale of a Teacher is Scale 9 (Lm5,750 x 192 to Lm6,902). A teacher will proceed to Scale 8 after 8 years service in the grade and then to Scale 7 after a further 8 years service in the grade and also subject to satisfactory performance.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Education Division in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4. Applicants must be:–

(a) citizens of Malta or of a European Union Member State;

(b) must have the ability to communicate in the Maltese Language;

(c) of good moral character (applicants who are already

impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux iżjed minn sitt xhur qabel id-data ta' din is-sejħa kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu dettalji);

(d) ikollhom *Teacher's Warrant* permanenti jew jikkwalifikaw għalih skond l-artikolu 11(3) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327).

SETTUR PRIMARJU

4.1 Applikanti biex jgħallmu fis-Settur Primarju jrid ikollhom wieħed minn dawn:

(i) diġà kellhom ħatra ta' Għalliema Regolari mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni bil-kundizzjoni illi s-servizz li taw f'dan il-qasam jiġi kkunsidrat bħala sodisfaċenti;

JEW

(ii) Ċertifikat rikonoxxut ta' Għalliem;

JEW

(iii) Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni;

JEW

(iv) Ċertifikat *Postgraduate* fl-Edukazzjoni fl-Edukazzjoni Primarja ;

JEW

(v) ikunu temmew b'suċċess il-*Graduate Teachers Course* organizzat mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni;

4.1.1. L-applikanti għandu jkollhom ukoll Livell Ordinarju *Secondary Education Certificate* (Grad 1 – 5) jew ekwivalenti fil-Malti, fil-Lingwa Ingliża u fil-Matematika. Livell Avvanzat (minimu Grad E) f'dawn is-suġġetti jew ċertifikat fil-*module* tas-suġġett rispettiv meħud bħala parti mill-*course* tal-*B.Educ (Hons)* jitqies bħala alternattiva għal Livell Ordinarju sakemm ma jitqies xejn kuntrarju. Bil-kundizzjoni li applikant li ma jkunx jissodisfa dawn ir-rekwiżiti jkun xorta waħda eliġibbli li japplika jekk hu jew hi jkollhom *Permanent Teacher's Warrant* u jkun ilu jew ilha f'impjieg *full-time* bħala għalliem/a fis-Settur Primarju għal perjodu ta' mhux anqas minn ħames snin f'dawn l-aħħar għaxar snin.

in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must produce a recent police certificate of conduct issued not earlier than six months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details);

(d) in possession of a permanent Teacher's Warrant or qualify for one in accordance with section 11(3) of the Education Act (Cap. 327).

PRIMARY SECTOR

4.1. Applicants for a post in the Primary Sector must further satisfy one of the following:

(i) have previously held a regular appointment as Teacher with the Education Division, provided that their teaching service in this sector is considered satisfactory;

OR

(ii) have a recognized Teacher's Certificate;

OR

(iii) have a Bachelor's Degree in Education;

OR

(iv) have a Postgraduate Certificate in Education specialising in Primary Education;

OR

(v) have successfully completed the Graduate Teachers Course organised by the Education Division;

4.1.1. Applicants must also be in possession of an Ordinary Level Secondary Education Certificate (Grade 1 – 5) or equivalent in Maltese, English Language and Mathematics. A pass at Advanced Matriculation Level (minimum Grade E) or a pass in the respective subject module taken as part of the B.Educ (Hons) course shall be accepted as an alternative to Ordinary Level unless otherwise stated. Provided that an applicant who does not satisfy these requirements would still be eligible to apply if he or she is in possession of a Permanent Teacher's Warrant and has been in a full-time teaching position in the Primary Sector for a period of not less than five years in the last ten years.

4.1.2. Applikanti li jingħataw xi forma ta' *study leave* mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni biex isegwu l-kors tal-*B.Educ. (Hons)* tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni ta' l-Università ta' Malta, taħt il-klawsola tal-maturità u dawk l-applikanti li applikaw taħt klawsola 4.1 (ii) huma eżenti minn klawsola numru 4.1.1. jekk dawn iġibu d-*degree* tal-B.Educ. (Hons).

4.1.3. Applikazzjonijiet jintlaqgħu minn studenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-Kors tal-B.Educ. (Hons) li jispeċ jalizzaw fit-tagħlim tal-Primarja bħala suġġett ewlieni.

SETTUR TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI/POST SEKONDARJI

4.2. Biex jgħallmu fis-Settur ta' l-Iskejjel Sekondarji/Post Sekondarji, l-applikanti għandhom ukoll jissodisfaw waħda minn dawn:

(i) diġà kellhom ħatra ta' Għalliem Regolari bħala Għalliem mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni u jkollhom ċertifikat tal-Matrikola fil-livell avvanzat jew ekwivalenti fis-suġġett li għalihom tkun saret l-applikazzjoni, bil-kundizzjoni li s-servizz li taw jiġi kkunsidrat sodisfaċenti;

JEW

(ii) ikollhom Ċertifikat rikonoxxut ta' Għalliem/a bis-suġġett li għalih saret l-applikazzjoni studjat bħala s-suġġett ewlieni fil-kors ta' taħriġ għall-Għalliema;

JEW

(iii) ikollhom Ċertifikat rikonoxxut ta' Għalliema maħruġ mill-Kulleġġ ta' l-Edukazzjoni *Mater Admirabilis* jew *St Michael's* flimkien ma' ċertifikat tal-matrikola fil-livell Avvanzat jew l-ekwivalent fis-suġġett li għalih tkun saret l-applikazzjoni;

JEW

(iv) ikollhom Baċellerat fl-Edukazzjoni bis-suġġett li għalih tkun saret l-applikazzjoni studjat bħala s-suġġett ewlieni fil-kors ta' l-Għalliema;

JEW

(v) ikollhom Grad ta' Baċellerat jew kwalifika ekwivalenti li tinkludi s-suġġett li għalih tkun saret l-applikazzjoni bħala s-suġġett ewlieni, u għandhom il-P.G.C.E. f'dan is-suġġett bħala *main area*. Fil-każ fejn l-Università ta' Malta ma tkunx għamlet dak il-kors

4.1.2. Applicants who have been granted some form of study leave by the Education Division to follow the B.Educ. (Hons) course of the Faculty of Education of the University of Malta on the strength of the maturity clause and applicants applying under para 4.1 (ii) are exempt from clause 4.1.1. if they obtain their B.Educ. (Hons) degree.

4.1.3. Applications will also be received from students who are in the final year of the B.Educ. (Hons) course with Primary teaching as a main area of specialisation.

SECONDARY/POST SECONDARY SECTOR

4.2. Applicants for the post in the Secondary/Post Secondary Schools Sector must further satisfy one of the following:

(i) have previously held a regular appointment as Teacher in the Education Division and have a pass at Advanced Matriculation Level or equivalent in the subject applied for, provided that their teaching service is considered satisfactory;

OR

(ii) have a recognized Teacher's Certificate with the subject applied for taken as the main subject in the Teacher's Training Course;

OR

(iii) have a full certificate in Education awarded by Mater Admirabilis College of Education or St Michael's College of Education together with a pass at Advanced Matriculation level or equivalent in the subject applied for;

OR

(iv) have a Bachelor's Degree in Education which includes the subject applied for as the main teaching area;

OR

(v) have a Bachelor's Degree or an equivalent qualification which includes the subject applied for as a main area and have a Post Graduate Certificate in Education specializing in the subject applied for. Where the University of Malta did not run a course leading to

partikolari tal-P.G.C.E. fl-aħħar tliet snin qabel ħarġet din is-sejħa l-applikant li jkun għamel il-P.G.C.E. f'xi suġġett ieħor, jikkwalifika;

JEW

(vi) ikollhom grad ta' Baċellerat jew kwalifika ekwivalenti li tinkludi s-suġġett li għalih tkun saret l-applikazzjoni jew għandhom iċ-ċertifikat tal-*Graduate Teachers Course* organizzat mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni;

JEW

(vii) ikollhom il-grad ta' *Master's* jew Dottorat fis-suġġett li għalih ikunu applikaw. Applikanti li jkunu għaddew mill-eżamijiet finali tagħhom u jkunu se jiggradwaw bi grad ta' *Masters* jew dottorat wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet għandhom jipprovdu *transcripts* uffiċjali tal-gradi ma' l-applikazzjoni.

4.2.1. Applikanti għas-Settur Sekondarju/Post Sekondarju jrid ikollhom Livell Ordinarju fis-*Secondary Education Certificate* (Grad 1 – 5) jew ekwivalenti fil-Malti, fil-lingwa Ingliża u fil-Matematika. Livell Avvanzat (minimu Grad E) f'dawn is-suġġetti jew ċertifikat fil-*module* rispettiv meħud bħala parti mill-*Course* tal-*B.Educ (Hons)* jitqies bħala alternattiva għal-Livell Ordinarju.

4.2.2. Applikanti li ngħataw xi forma ta' *study leave* mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni biex isegwu l-kors tal-*B.Educ. (Hons)* tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni ta' l-Università ta' Malta, taħt klawsola tal-maturità u dawk l-applikanti li applikaw taħt klawsola 4.2 (ii) huma eżenti minn klawsola numru 4.2.1. jekk dawn iġibu d-*degree* tal-B.Educ. (Hons).

4.2.3. Applikazzjonijiet jintlaqgħu minn studenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-Kors tal-B.Educ. (Hons) jew tal-Kors tal-P.G.C.E. ta' l-Università ta' Malta, u li għandhom is-suġġett li japplikaw għalih bħala s-suġġett ewlieni li jispeċjalizzaw fih. Fejn l-Università ta' Malta ma tkunx fethet Kors tal-P.G.C.E. f'xi suġġett partikolari, kandidat jista' joffri suġġett ieħor fil-P.G.C.E. basta dan ikollu jew *Hons. Degree* fis-suġġett li għalih ikun applika jew ikollu *General Degree* li fih bħala suġġett ewlieni ta' studju is-suġġett li jkun applika għalih.

Post Graduate Certificate in Education in the area applied for in the last three years before the issue of this call, a Post Graduate Certificate in Education with any subject specialization will qualify the applicant;

OR

(vi) have a Bachelor's Degree or an equivalent qualification which includes the subject applied for and have successfully completed the Graduate Teachers Course organised by the Education Division;

OR

(vii) have a Master's or Doctor's Degree in the subject applied for. Applicants who have passed their final examinations and will be graduating with a Master's or Doctor's degree after the closing date of the applications have to provide official transcripts of the degrees with their applications.

4.2.1. Applicants for the Secondary/Post Secondary Sector must be in possession of at least Ordinary Level Secondary Education Certificate (Grade 1 – 5) or equivalent in the following three subjects: Maltese, English Language and Mathematics. A pass at Advanced Level Matriculation (Minimum Grade E) or a pass in the respective subject module taken as part of the B.Educ (Hons) Course, shall be accepted as an alternative to Ordinary Level.

4.2.2. Applicants who have been granted some form of study leave by the Education Division to follow the B.Educ. (Hons) course of the Faculty of Education of the University of Malta on the strength of the maturity clause and applicants applying under 4.2 (ii), are exempt from clause 4.2.1. if they obtain their B.Educ. (Hons) degree.

4.2.3. Applications will also be received from students who are in the final year of the B.Educ. (Hons) Course or in P.G.C.E. Course at the University of Malta and have as a main area of specialisation the subject applied for. Where the University of Malta did not run a P.G.C.E. Course in that particular subject any P.G.C.E. will qualify an applicant who also has either an Hons. Degree in the subject applied for or a General Degree in which the subject applied for is a main area of study.

4.2.4. Fil-każ tal-*Personal and Social Development* issuġġett ewlieni fl-istudju f'livell *first degree* għandu jkun il-Psikoloġija.

4.2.5. Fil-każ tax-Xjenza Integrata, il-kandidati li japplikaw taħt il-klawsola 4.2 (iv) (v) jew (vi) iridu jkunu studjaw il-Bijoloġija jew il-Kimika jew il-Fiżika fil-grad tagħhom tal-Baċellerat u jridu jkunu għaddew fiż-żewġ suġġetti l-oħra fil-livell tal-Matrikola Avvanzata jew Intermedju jew ekwivalenti.

4.2.6. Fil-każ tar-Reliġjon, il-kandidati jrid ikollhom ċertifikat mingħand l-Arċisqof li juri li huma adatti biex jgħallmu r-Reliġjon.

4.2.7. Fil-każ ta' l-Arti u l-Mużika:

(a) l-applikanti li għandhom:

(i) Ċertifikat rikonoxxut ta' Għalliema

jew

(ii) Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni,

jew

(iii) Grad ta' Baċellerat kif ukoll kors tal-P.G.C.E. fl-Università ta' Malta jew *Graduate Teachers Course,*

jew

(iv) għandhom il-Grad ta' *Masters* jew Dottorat,

huma eliġibbli li japplikaw jekk il-kwalifiki huma relevanti għas-suġġett.

(v) jew kwalifiki li jippermettu li l-applikant jaqdi dmirijiet ta' għalliem liċenzjat fl-arti jew il-mużika fi skola rikonoxxuta f'xi Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea.

(b) Dawk l-applikanti bi kwalifiki bħal dawk imsemmija hawn fuq f'suġġetti oħra, iżda li għandhom ukoll kwalifiki relevanti komparabbli ma' Livell Avvanzat jew aktar, huma wkoll ikkunsidrati eliġibbli li applikaw.

4.2.8. Fil-każ ta' l-*Information Technology,* l-applikazzjonijiet jintlaqgħu minn:-

(a) Gradwati tal-*B.Educ. (Hons)* jew gradwati tal-P.G.C.E. jew studenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-Kors tal-*B.Educ. (Hons)* jew tal-P.G.C.E.;

4.2.4. In the case of Personal and Social *Development* the degree must include Psychology as a main area of study.

4.2.5. In the case of Integrated Science applicants claiming eligibility in terms of paragraph 4.2 (iv) (v) or (vi) must have studied Biology or Chemistry or Physics as a main area of study in their degree and have passed in the other two subjects at Advanced Matriculation or Intermediate level or equivalent.

4.2.6. In the case of Religion, candidates must also obtain the necessary certificate of suitability for the teaching of Religion from the Local Ordinary.

4.2.7. In the case of Art and Music:

(a) applicants who have:

(i) a Teacher's Certificate

or

(ii) a Bachelor's Degree in Education,

or

(iii) a Bachelor's Degree and have also a P.G.C.E. of the University of Malta, or a Graduate Teacher's Course,

or

(iv) a Master's or a Doctor's degree,

shall be eligible to apply if their qualifications are relevant to the subject.

(v) or qualifications that enable the applicant to work as a licenced teacher in art or in music in a recognised school in any European Union Member State.

(b) Those applicants having the qualifications listed above in other areas, but having also relevant qualifications comparable to an Advanced Level or higher, shall also be considered eligible to apply.

4.2.8. In the case of Information Technology, applications will also be received from:-

(a) B.Educ (Hons) or PGCE graduates or students who are in their final year of studies in B.Educ. (Hons) or PGCE Course;

u

(b) li jispeċjalizzaw fis-settur Sekondarju;

u

(ċ) jissodisfaw waħda minn dawn il-kondizzjonijiet:

(i) għandhom il-Livell Avvanzat tal-Matrikola fil-*Computing* jew *Information Technology*

jew

(ii) għandhom ċertifikat fis-seba' *modules* ta' l-*European Computer Driving Licence (ECDL)* jew ċertifikat ekwivalenti.

4.2.9. Fil-każ ta' l-Istudji Ewropej, l-applikanti magħżula jridu jkunu attendew kors relevanti ta' Studji Ewropej organizzat mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni jew jikkommettu ruħhom li jsegwu l-kors meta jgħidulhom biex jagħmlu dan.

4.3. Gradi u/jew ċertifikati minn universitajiet barranin u istituzzjonijiet oħra ta' l-edukazzjoni terzjarja jrid ikollhom magħhom *transcripts* uffiċjali. Tagħrif u linji ta' gwida dwar gradi, diplomi jew ċertifikati barranin jista' jinkiseb mill-*Malta Qualification Recognition Information Centre* tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi. Provi ta' komparabilità għandhom jiġu ppreżentati ma' l-applikazzjonijiet kollha.

4.4. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha jridu jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (kopji mehmuża ma' l-applikazzjonijiet, l-oriġinali jintwerew waqt l-intervista).

4.4.1. Ċertifikati tal-gradi għandu jkollhom magħhom *transcript*, bl-Ingliż, li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali.

5.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

and

(b) whose area of specialisation is in the Secondary Sector;

and

(c) satisfy one of the following conditions:

(i) have a pass at Advanced Matriculation Level in Computing or Information Technology

or

(ii) have obtained a pass in all seven modules of the European Computer Driving Licence (ECDL) or equivalent.

4.2.9. In the case of European Studies selected applicants must have undergone the relevant course for European Studies organised by the Education Division or commit themselves to follow the course when requested to do so.

4.3. Degrees and/or certificates awarded by foreign universities and other tertiary education institutions must be accompanied by official transcripts. Informaton and guidance regarding foreign degrees, diplomas or certificates may be obtained from the Malta Qualification Recognition Information Centre, Ministry of Education, Youth and the Employment. Proof of comparability is to be submitted with all applications.

4.4. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

4.4.1. Degree certificates must be accompanied by a transcript in English, showing the Degree obtained and the final classification.

5.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

5.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lit-Taqsima riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

5.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibilty requiremetns and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Division and copied to the NCPD.

6. Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post. Hu maħsub li l-intervisti jkunu lesti sat-13 ta' Awissu 2004. Hu fl-interess ta' l-applikanti li jattendu għall-intervisti skond l-appuntament li jingħata. Raġunijiet għall-assenza, inkluż safar, jistgħu ma jintlaqgħux.

6. Eligible applicants will be interviewed by a selection board which will assess their suitability for the post. It is envisaged that interviews will be over by the 13th August, 2004. It is in the applicants' interest that they attend for their interviews as per appointment given. Reasons for non-attendance, including being abroad, may not be considered.

6.1. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esibiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

6.1. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Education Division. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

6.2. L-applikanti li jkunu, jew ikkwalifikati sa l-aħħar ta' Lulju 2004, jew temmew b'suċċess il-kors tal-B.Educ. (Hons) jew il-P.G.C.E. sa l-aħħar ta' Lulju 2004, jiġu klassifikati skond il-meritu. L-applikanti li ma jissodisfawx xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma jkunux eliġibbli anki jekk ikunu ssejħu jew qagħdu għall-intervista.

6.2. Successful applicants will be placed in order of merit subject to the condition that they are either fully qualified by the end of July 2004 or have successfully completed their B.Educ. (Hons) or P.G.C.E. by the end of July 2004. Applicants failing any one of the above conditions will be considered ineligible even if they had been called for and attended the interview.

6.3. L-applikanti li jgħaddu jiġu offruti l-ħatra skond in-numru ta' postijiet.

6.3. Successful applicants will be offered appointments according to the availability of posts.

6.4. Fis-settur sekondarju l-applikanti jridu joffru li jgħallmu, u jkunu kapaċi jgħallmu, suġġett sussidjarju li fih irid ikollhom ta' l-inqas il-Livell Avvanzat.

6.4. In the case of the secondary sector, the applicants will have to state their willingness and ability to teach a subsidiary subject. The applicants must have at least an Advanced Level Certificate in the subsidiary subject offered as a subsidiary.

7. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

7. Selected candidates will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

8. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

8. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care,* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana jew mill-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

8.1. L-appikazzjonijiet flimkien ma' sommarju tal-kwalifiki, esperjenza u informazzjoni oħra miġbura fuq formola apposta li tinkiseb mis-Sezzjoni *tal-Customer Care,* Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana jew mill-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex, iridu jintbagħtu lid-Direttur Ġenerali, Edukazzjoni f'wieħed minn dawn l-indirizzi sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Ġunju, 2004.

8.2. Applikanti li japplikaw għal aktar minn suġġett/settur wieħed għandhom japplikaw fuq formoli separati.

83. L-applikazzjonijiet irid ikollhom magħhom dawn id-dokumenti li ġejjin:–

(a) Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mid-Dipartiment tal-Pulizija matul is-sitt xhur ta' qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni;

(b) Fotokopji taċ-ċertifikati u/jew dokumenti oħra li jirrigwardaw il-kwalifiki u l-esperjenza.

